**A.L. 68 ta' l-1992**

**ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)**

**Statut I10 — Ċentru tat-Teknoloġija tal-Kommunikazzjoni**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dan l-istatut magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 31 ta' dak l-Att.

**Titolu fil-Qosor**

Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut I10 — Ċentru tat-Teknoloġija tal-Kommunikazzjoni.

**STATUT I10 — ĊENTRU TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-KOMMUNIKAZZJONI**

1. B'dan qed jitwaqqaf fl-Università, iċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Kommunikazzjoni (ĊTK). Iċ-Ċentru jiġbor fi ħdanu l-Laboratorju Awdjo-Viżiv, il-Laboratorju tal-Lingwi, il-materjal awdjoviżiv tal-Bibljoteka u l-Laboratorju tat-Teknoloġija ta' l-Edukazzjoni.

2. Iċ-Ċentru għandu dawn l-iskopijiet:

(a) li jipprovdi l-mezzi awdjoviżivi (kemm il-*hardware* kif ukoll is-*software*) lid-Dipartimenti, l-Istituti, u l-istaff ta' l-Università li jkunu jeħtiġuhom biex iwettqu xogħolhom, u li jagħti l-pariri tiegħu lill-awtoritajiet ta' l-Università f'kulma għandu x'jaqsam mat-tagħmir awdjoviżiv u l-użu tiegħu;

(b) li jikseb il-materjal meħtieġ u jżomm f'kundizzjoni xierqa l-awdjoteka, il-vidjoteka u l-laboratorji tal-lingwi, tal-video u tat-teknoloġija ta' l-edukazzjoni u li jħaffef l-użu tiegħu;

(ċ) li jforni lill-Fakultajiet b'korsijiet fil-Kommunikazzjoni u bi ħtiġijiet oħra (fosthom li jikkoordina l-korsijiet fil-Kommunikazzjoni), iwettaq proġetti ta' riċerka u li jġib 'il quddiem il-ħidma xjentifika fil-qasam ta' l-istudji tal-Kommunikazzjoni;

(d) li jaħdem id f'id ma' istituzzjonijiet oħra biex jipprovdilhom taħriġ u l-għajnuna meħtieġa biex iwettqu proġetti fil-qasam awdjoviżiv.

3. (1) Iċ-Ċentru jitmexxa minn Bord.

(2) Il-Bord ikun magħmul minn:

President: Ir-Rettur jew delegat tiegħu
Viċi-President: Id-Direttur taċ-Ċentru
Rappreżentant minn kull waħda minn dawn:
il-Fakultà ta' l-Arti;
il-Fakultà ta' l-Edukazzjoni;
l-Istitut tal-Lingwistika;
l-Istitut ta' l-Istudji tal-Mediterran;
il-Bibljoteka Universitarja; u

sa erba' membri oħra msejħa mill-Bord.

(3) Xogħol il-Bord hu li:

(a) jfassal il-pjan ta' ħidma taċ-Ċentru biex jintlaħqu l-għanijiet msemmija hawn fuq;

(b) jara li l-finanzi taċ-Ċentru jitħaddmu tajjeb;

(ċ) jiżgura li ċ-Ċentru jilħaq l-għanijiet tiegħu billi jaħdem id f'id ma' istituzzjonijiet oħra, kemm Maltin kif ukoll barranin.

4. (1) Iċ-Ċentru jkollu Direttur u staff.

(2) Id-Direttur jinħatar għal tliet snin mill-Kunsill ta' l-Università, wara sejħa għall-applikazzjonijiet għal din il-kariga minn fost l-istaff akkademiku ta' l-Università.

(3) Id-Direttur ikollu d-dmir li jmexxi ċ-Ċentru u li jara li jitwettqu l-għażliet tal-Bord.

(4) Id-Direttur iħejji l-estmi ta' kull sena taċ-Ċentru u jressaqhom lill-Bord biex japprovahom. Id-Direttur jissottometti wkoll stqarrija finanzjarja lill-Kunsill u rapport ta' kull sena fuq il-ħidmiet ta' l-Istitut lis-Senat u lill-Kunsill.

(5) Membri akkademiċi speċjalizzati fil-qasam tal-kommunikazzjoni u oqsma oħra jkunu maħtura mill-Kunsill ta' l-Università b'rakkomandazzjoni tal-Bord.

(6) Staff amministrattiv u tekniku skond kif jaħtar il-Bord.

5. Iċ-Ċentru (ĊTK) għandu jagħti l-appoġġ u l-għajnuna tiegħu fit-tagħlim lill-Università, lill-Fakultajiet u lill-Istituti kulmeta jkun mitlub u xieraq. B'mod partikolari ċ-Ċentru għandu jipprovdi:

(a) l-użu tal-faċilitajiet komuni, u tat-tagħmir u l-manutenzjoni tiegħu, kif ukoll il-koordinazzjoni u s-sorveljanza ta' l-istudji fil-qasam ta' l-Istudji tal-Kommunikazzjoni;

(b) liċ-Ċentru tat-Tagħlim mill-Bogħod uffiċċju u l-faċilitajiet komuni, kif ukoll it-tagħmir u l-manutenzjoni tiegħu biex jinħadem il-materjal li jkun jeħtieġ iċ-Ċentru tat-Tagħlim mill-Bogħod biex jilħaq l-għanijiet ta' l-istatut tiegħu;

(ċ) lill-Istitut tal-Lingwistika uffiċċju u l-faċilitajiet komuni, kif ukoll kumpless għall-laboratorju tal-lingwa (bit-tagħmir u l-manutenzjoni tiegħu) biex ikun jista' jwettaq l-għanijiet skond l-istatut tiegħu;

(d) lill-Fakultà ta' l-Edukazzjoni uffiċċju u l-faċilitajiet komuni, kif ukoll it-tagħmir u l-manutenzjoni tiegħu, biex jinżamm post għar-riżorsi tat-teknoloġija ta' l-Edukazzjoni fejn jitfassal u jitħaddem il-materjal meħtieġ għat-tagħlim;

(e) lill-Università awdjoteka u vidjoteka li jagħmlu mal-Bibljoteka mnejn jixxerred il-materjal meħtieġ lill-għalliema u l-istudenti ta' l-Università.

6. L-Uffiċjal Finanzjarju ta' l-Università jkun it-Teżorier taċ-Ċentru.

7. Emendi għal dan l-Istatut jistgħu jkunu proposti mill-Bord iżda jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kunsill ta' l-Università ta' Malta.